MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru 676/2009

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Spiridione Zammit)

vs

Vincent Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 101063M, akkuzat talli fid-9 ta’ Gunju 2009 u fil-gimghat ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioè laqa’ ghandu subwoofer u amplifier liema apparat kienu nsterqu nhar it-30 ta’ Mejju 2009 minn vettura ta’ l-ghamla

Seat Cordoba bin-numru tar-registrazzjoni GIL-225 propjeta’ ta’ Neil Ray Cilia u/jew persuni ohra;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija dik ta’ ricettazzjoni fir-rigward ta’ liema l-akkuzat ammetta u l-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Stante l-ammissjoni ssibu hati. Rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum sakemm l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor f’dan il-perjodu, u dan wara li kkonsidrat li r-refurtiva giet ritornata.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------